Kopja Informali ta' Sentenza.

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Il-Pulizija**
(Spettur Roderick Attard)
(Spettur Paul Camilleri)

**Vs**

**Graziella Debono**
(K.I. 0038877M)

**Illum, 23 ta' Diċembru 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Graziella Debono**, ta' 45 sena bint missier mhux magħruf u Ludgarda, imwielda l-Pietà, Malta u residenti ġewwa l-fond 210, Triq Caravaggio, Gharghur u detentriċi tal-karta ta' l-identità Maltija numru 0038877M, u akkużata talli nhar is-sittax (16) ta' Diċembru 2022, u/jew fil-jiem, il-ġimgħat u x-xhur ta' qabel ġewwa l-gżejjer Maltin:

1) Kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'digriet datat 5 ta' Novembru 2020 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D. li permezz tiegħu hija ngħatat il-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta’ l-imsemmija Graziella Debono. Kif ukoll tordna li s-somma ta’ ħamest’ elf u ħames mitt Ewro (€5,500) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta.

2) Kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b’digriet datat 28 ta’ Jannar 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. li permezz tiegħu hija ngħatat l-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta’ l-imsemmija Graziella Debono. Kif ukoll tordna li s-somma ta’ ħamest elf Ewro (€5,000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta ma Graziella Debono bħala persuna riċediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-liġijiet ta’ Malta b’numru ta’ sentenzi li saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inklużа l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat illi l-akkużata tressqet taħt arrest quddiem din il-Qorti kif presjeduta nhar it-18 ta’ Diċembru 2022 u li l-kawża ġiet differita għall-provi kollha għas-seduta tal-lum;

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-akkużata għarrfet lill-Qorti li trid tirreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużata irreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha. Illi fid-dawl ta’ din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 370(6), 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissieta b’mod l-aktar solenni

fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti semgħet iċ-ċirkostanzi li fihom seħħew dawn ir-reati. Semgħet illi l-akkużata għandha xi diffikultajiet fil-familja li jeħtieġu l-attenzjoni tagħha u li r-reati seħħew sforz in-nuqqas tagħha li tapprezza s-serjetà u s-solennità li biha għandha ssegwi l-kondizzjonijiet imposti fuqha.

Illi min-naħa l-oħra, il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ma jistgħux jittieħdu b'leġġerezza u għandhom jiġu segwiti skrupolożament. Finalment, għandu jiġi ribadit illi l-kondizzjonijiet imposti minn Qorti fir-rigward tal-ogħti tal-ħelsien qegħdin hemm sabiex jassiguraw bilanċ bejn il-proċeduri penali u d-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza ta' akkużat. B'dawn il-kondizzjonijiet, akkużat ikun qiegħed jiġi fdat li se jobdi l-liġijiet tal-pajjiż kif ukoll jobdi l-kondizzjonijiet imposti fuqu jew fuqha. Ksur tagħhom ifisser ksur tal-fiduċja li l-Qorti u l-Istat Malti qiegħed ipoġġi f'ħoġor l-akkużat jew akkużata.

Illi b'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm piena karċerarja effettiva hija idonea f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-istess ċirkostanzi ma jimmeritawx ir-revoka tal-għoti tal-Ħelsien mill-Arrest u lanqas ma jimmeritaw il-konfiska tal-intier tal-garanzija hemm mogħtija, iżda biss parti mill-istess garanzija.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed issib lil Graziella Debono **ħatja** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u tikkundannaha:

1. Piena ta’ sitt (6) xhur priġunerija effettiva fir-rigward tal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta’ Novembru 2020;

2. Piena ta’ multa ta’ mija u ħamsin Ewro (€150) fir-rigward tal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta’ Jannar 2021;

Illi b’żieda ma dan, il-Qorti qed tordna li l-ammont taħt garanzija, għandu *in parte* jiġi konfiskat a favur tal-Gvern ta’ Malta u dan limitatament għas-somma ta’ mitt Ewro (€100) għal kull ksur, ossija konfiska ta’ €100 fuq l-għoti tal-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta’ Novembru 2020 u konfiska ta’ €100 fuq l-għoti tal-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta’ Jannar 2021;

**Ft. Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**